# FIL-QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**tmienja (8) ta' April 2021**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 345/21**

fl-ismijiet

**Ruben Buontempo**
**(ID 174273 M)**

**Vs**

**Guido (ID 383460 M) u Claudia (739962 M) konjuġi Grima**
**U r-Registratur tal-Qorti**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent Ruben Buontempo fil-5 ta' Marzu 2021 fejn talab lill-Qorti sabiex tinibixxi lill-intimati Guido u Claudia miżżewġin Grima u r-Reġistratur tal-Qorti milli:

   *Jipproċedu ulterjorment bis-subbasta numru 3/2020 fl-ismijiet 'Guido u Claudia miżżewġin Grima vs Romina Buontempo et*

2. Rat illi, fil-5 ta' Marzu 2019, dina l-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament filwaqt illi ordnat notifika lill-kontro parti, u appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni għat-22 ta' Marzu 2021.

3. Rat illi r-raġunijiet mogħtija mir-rikorrent għal tali talba kienu s-segwenti:

   i. *Illi permezz ta' sentenza datata 5 ta' April, 2013 mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet 'Joseph Grima et. v. Pierre Buontempo et' (Rik. Nru. 1843/1999), l-esponenti ġie kkundannat flimkien ma' terzi — inkluż l-*

*intimat Guido Grima - sabiex iħallas solidalment magħhom is-somma ta' €46,587.47 bl-imgħax legali mill-5 ta' April 1998 sal-pagament effettiv (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'A').*

ii. *Illi in linea ma' dak deċiż l-esponenti kien ħallas lil Monica Grima, Olivia Ann Debattista, Nazzareno Seguna u Mary Grace Seguna in kwantu eredi ta' Joseph Grima is-somma ta' mija u għaxart elef euro (€110,000) u dana fuq ftehim ta' transazzjoni (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. B). F'tali ftehim jinsab indikat espressament li kienu qed jinżammu impreġudikati d-drittijiet tal-esponenti li jirkupra s-somma minnu mħallsa jew kwalunkwe parti minnha mingħand it-terzi responsabbli in solidum miegħu inkluż mingħand Guido Grima.*

iii. *Illi permezz tal-atti tas-subbasta fl-ismijiet 'Guido Grima et. v. Romina Buontempo et' (Subbasta Numru 3/2020) intavolata mill-intimat Guido Grima fil-konfront tal-esponenti l-istess Guido Grima qiegħed jikkontendi li huwa kreditur tal-esponenti fis-somma ta' €82,750.86 (dana a bażi ta' sentenza mogħtija fl-istess ismijiet datata 7 ta' Lulju, 2009 u kkonfermata in appell permezz tas-sentenza datata 5 ta' April, 2013 — kopja hawn annessa u mmarkata Dok. C) filwaqt li l-esponenti jikkontendi li huwa debitur fis-somma ferm inqas ta' € 50,517.86 (sal-lum diġa' lkoll depożitati fir-Reġistru ta' dina l- Onorabbli Qorti skont iċ-ċedoli rispettivament numerati 747/2020 u 1601/2020 - kopji hawn annessi u rispettivament immarkati Dok. D u E) u dana għaliex l-istess Grima huma debituri tiegħu fis-somma ta' €32,233 (imgħaxijiet sa dakinhar inklużi) li huwa ħallas lill-eredi ta' Joseph Grima għalih (meta l-istess Guido Grima kien responsabbli in solidum miegħu għall-istess somma).*

iv. *Illi bi tweġiba għal dan l-istess konjuġi Grima wieġbu billi stqarrew li huma wkoll kienu ħallsu lil Olivia Ann Debattista is-somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) u fil-fatt eżebew bank draft allegatament imħallas minnhom u ndirizzat lil Olivia Ann Debattista fir-rigward ta' dina l-kwistjoni (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. F).*

v. *Illi in vista tas-surreferit l-esponenti ġie reż a konoxxenza tal-fatt li, oltre s-somma mħallsa minnu, l-eredi ta'Joseph Grima jidher li kienu wkoll ħadu flus mingħand ħaddieħor - senjatament mingħand il-konjuġi Grima - fir-rigward tal-istess somma mħallsa minnu kif hawn fuq indikat u kwindi ferm oltre s- somma dovuta lilhom skont is-sentenza surreferita.*

vi. *Illi konsegwentement għas-surreferit jidher ċar li, almenu skont dak allegat mill-konjuġi Grima, l-eredi ta' Joseph Grima u ċioe' Monica Grima, Olivia Ann Debattista, Nazzareno Seguna u Mary Grace Seguna tħallsu mingħand l-esponenti somma mhux minnu dovuta u dana meta huma kienu diġa' tħallsu jew ftehmu li jitħallsu minn senjatament mingħand l-intimati konjuġi Grima.*

vii. *Illi, fil-fehma tal-esponenti, tali aġir da parti tal-eredi ta' Joseph Grima jirrendihom kriminalment ħatja fil-konfront tal-esponenti u dana għal frodi u/jew estorsjoni. Effettivament lanqas ma jista' jiġi eskluż illi dan kollu sar*

*bi ftehim mal-intimati Grima li f'tali każ ikunu rrendew ruħhom ħatja wkoll tal- istess offiżi jew ta' kompliċita' fl-istess fil-konfront tal-esponenti.*

viii. *Illi f'tali rigward l-esponenti diġa' talab l-intervent tal-Pulizija Eżekuttiva sabiex jiġu debitament investigati l-fatti surreferiti u tittieħed l-azzjoni opportuna f'tali rigward inkluż billi jinħarġu l-akkużi opportuni fil-konfront tal-persuni konċernati.*

ix. *Illi kjarament, anke mill-aspett prettament ċivili, il-fatti hawn fuq riportati - u li issa jinsabu kjarament ammessi mill-istess intimati Grima ukoll tramite id-dokumentazzjoni eżebita minnhom - għandhom effett ċar u lampanti fuq is-subbasta surreferita u dana mhux biss għaliex l-intimati eżekutanti jista' jkun li rrendew ruħhom responsabbli u/jew komparteċipi ta' aġir kriminali u frawdolenti fil-konfront tal-esponenti imma wkoll għaliex, bil-pagamenti li seħħew u kif jinsab issa kjarament pruvat ġie li s-somma li tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni permezz ta' din is-subbasta m'hijiex aktar ċerta u likwida.*

x. *Illi anke in vista ta' dak li jinsab espressament provdut taħt l-art. 981 u/jew l-art 1021 et seq. tal-Kodiċi Ċivili jirriżulta allura li l-ħlas kollu li għamel l-esponenti a benefiċċju tal-eżekutant sar indebitament u fil-fatt meta l-istess esponenti kien soġġett ta' għemil doluż ipperpetrat mill-eżekutanti ko-debituri miegħu u/jew l-eredi ta' Joseph Grima.*

xi. *Illi għaldaqstant l-esponenti għandu kull interess li, prevja kjarifika tal-fatti surreferiti, jitlob u jottjeni dikjarazzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti li huwa m'huwiex aktar debitur tal-intimati Grima fis-somma minnhom reklamata imma li, minn naħa l-oħra, huma l-istess intimati Grima flimkien mal-eredi ta' Joseph Grima ossija Monica Grima, Olivia Ann Debattista, Nazzareno Seguna u Mary Grace Seguna li huma kredituri tiegħu fis-somma imħallsa minnu indebitament u frott il-frodi u l-qerq perpetrat fil-konfront tiegħu mill-istess intimat Grima u/jew l-eredi ta' Joseph Grima kif hawn fuq imfisser.*

xii. *Illi fil-fatt l-esponenti ser jipprosegwi bl-azzjoni ċivili opportuna f'tali rigward u li permezz tagħha ser jikkontesta l-ammont mertu tas-subbasta surreferita.*

xiii. *Illi konsegwentement jirriżulta li l-esponenti għandu prima facie d-dritt li jaġixxi għall-enfurzar tad-drittijiet tiegħu u kwindi li jitlob ukoll u jottjeni t-twaqqif minnufih tas-subbasta surreferita u dana pendenti l-eżitu tal-proċeduri li ser jiġu stitwiti minnu skont is-surreferit a tutela tad-drittijiet tiegħu inkluż sabiex jattakka proprju l-eżekuttivita' tal-atti li abbażi tagħhom qed tittressaq is-subbasta surreferita.*

xiv. *Illi huwa wkoll ċar li, in vista tas-surreferit, l-esponenti ser isofri preġudizzju irrimedjabbli jekk isseħħ is-subbasta tal-proprjeta' tiegħu abbażi ta' provvedimenti u deċiżjonijiet ġudizzjarji li għandhom jiġu dikjarati nulli jew mhux aktar eżekuttivi fis-somom indikati mill-eżekutanti fl-istess subbasta.*

4. Rat illi fil-11 ta' Marzu 2021, l-intimati Guido u Cladia konjuġi Grima ppreżentaw ir-risposta tagħhom, fejn opponew għat-talba rikjesta u ressqu s-segwenti argumenti:

   *Illi r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri qiegħed jitlob sabiex l-esponenti jiġi mwaqqaf milli jipproċedi bis-subbasta li ġġib numru 3/2020 fl-ismijiet Guido u Claudia miżżewġin Grima vs Reuben Buontempo et.*

   *Illi b'sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ta' nhar l-1 ta' Diċembru 2014 fl-ismijiet 'Guido u Claudia miżżewġin Grima vs Pierre Buontempo, Ruben u Romina miżżewġin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd' kopja tagħha diġa' ġiet annessa mir-rikorrenti, fejn f'din is-sentenza l-intimat Ruben Buontempo ġie kanonizzat debitur ta' Guido u Claudia miżżewġin Grima fis-somma ta' erbgħin elf, tmien mija u sebgħin ewro u erbatax- il ċenteżmu (€40,118.89) u l-imgħax dekoribbli mill erbatax (14) ta' Settembru 1998 sad-data tal-ewwel pagament mill-intimat ta' tmintax il-elf, tmien mija u ħames ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€18,805.77) nhar l-ewwel (1) ta' Settembru 2015, u in kwantu għat-tieni pagament li sar nhar il-ħdax (11) ta' Lulju 2016 ta' elf, u zewġ ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€1,002.21) għall-ammont fuq imsemmi li huwa ċert, likwidu u dovut. Illi b'hekk l-ammont dovut minn Ruben Buontempo sa llum jammonta għal madwar ħamsa u tmenin elf, tmien mija u tlieta u sittin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€85,863.52).*

   *Illi b'digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti fl-atti tas-subbasta bin-numru 2/2020 fl-ismijiet Guido u Claudia miżżewġin Grima vs Ruben Buontempo u Romina Buontempo, b'tali digriet datat it-tmintax (18) ta' Frar, elfejn u għoxrin (2020) ġie ordnat il-bejgħ bis-subbasta tal-fond magħruf bħala 'Rose House' ġewwa Triq il-Mimosa, Ħamrun.*

   *Illi kif ser jintqal f'dawn il-proċeduri u kif diġa' ntqal kemm-il darba fl-atti tas-subbasta in kwistjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, l-esponenti kien iddepożita l-ammont ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) in segwitu għas-sentenza fl-ismijiet Joseph u Monica konjuġi Grima u kif ikkonfermata bl-appell tal-istess nhar id-dsatax ta' Mejju 2014 (Appell Ċivili numru 1843/1992/2) fl-ismijiet Joseph u Monica konjuġi Grima et vs Pierre Buontempo et illi għalih il-konjuġi Guido u Claudia Grima kienu responsabbli in solidum mal-intimati l-oħra kollha f'dis-sentenza appena indikata.*

   *Illi l-eżekutanti fuq is-sentenza hekk imsemmija eżegwew sekwestru u anke talba għal subbasta fuq il-propjeta tal-istess Guido Grima u għalhekk l-istess konjuġi Grima ma kellhom ebda għażla oħra għajr li jħallsu l-ammont kollu pretiż u dovut lil Joseph u Monica konjuġi Grima liema ammont kien jinkorpora anke dak dovut minn Ruben Buontempo. Wieħed jista' jara biċ-ċar Guido Grima kellu biss iħallas l-ammont ta' €11,646.87 u mhux ta' €35,000 u għaldaqstant jidher biċ-ċar illi l-esponenti ħallas ukoll is-sehem ta' Ruben Buontempo, Romina Buontempo, Pierre Buontempo u Centre Travel Company Limited.*

*Illi filfatt l-esponenti kellu joħroġ bank overdraft (Dok GG1) sabiex jeżegwixxi l-obbligi tiegħu u ta' martu u dan wara li rċieva ittra mill-Avukat tal-eżekutanti (Dok GG2) sabiex jersaq għall-ħlas fl-inqas ħin fiss possibli. Illi minkejja li dan id-dokument fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) ma jindikax illi kien hemm xi tip ta' pagament lir-rikorrenti jew lil ex-martu Romina Buontempo, iżda tali dokument jindika illi l-ammont ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) tħallas lil Olivia Anne Debattista bħala waħda mill-kredituri kanonizzati bis-sentenza fl-ismijiet Joseph u Monica konjuġi Grima et vs Pierre Buontempo et u kif ikkonfermata bl-appell ċivili nhar id-19 ta' Mejju 2014 bin-numru 1843/1992/2.*

*Illi l-esponenti għamel dan il-ħlas fuq espost għaliex kien debitur in solidum ma' Ruben Buontempo, Pierre Buontempo, Romina Buontempo u Centre Travel Company Ltd u l-atturi fl-istess kawża għażlu illi jeżegwixxu t-titolu tagħhom fuq l-esponenti konjuġi Grima u b'hekk l-esponenti ma kellhomx għażla oħra għajr illi jħallsu f'isem u għan-nom tal-konvenuti Ruben Buontempo, Pierre Buontempo, Romina Buontempo u Centre Travel Company Limited.*

*Illi filfatt l-esponenti konjuġi Grima, Monica Grima, Nazzareno Seguna, Olivia Anne Debattista flimkien mal-atturi l-oħra (Dok GG3) daħlu fi ftehim bejniethom nhar is-seba' u għoxrin (27) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016) fl-Atti tan-Nutar Stefania Marmorato. Illi dan il-ftehim speċifikament jistipula illi:*

*"Illi dan il-pagament qed isir għas-saldu ta' kull pretensjoni li l-atturi għandhom u li għad jista' jkollhom kontra Guido Grima, inkluża kull pretensjoni riżultanti mill-atti ġudizzjarji kollha, inkluża s-sentenza msemmija, kif ukoll il-mandat ta' sekwestru numru 1647/2014 u l-mandat ta' qbid u subbasta numru 82/2014 kif ukoll minn ipoteki numru H.10162/2014 u H. 12793/2014"*

*Illi wara tali transazzjoni u permezz ta' tali ftehim, kienu twaqqfu l-proċeduri tas-subbasti li ġew intavolati fil-konfront tal-esponenti, nota taċ-ċessjoni hawn anessa u mmarkata bħala Dok GG4 u kif ukoll kienu kkanċellaw kull ipoteka li kienu ġew intavolati fil-konfront tal-esponenti (Dok GG5).*

***Fil-Mertu***

*Illi għalhekk f'dak li jrid jipprova r-rikorrenti f'mandat ta' inibizzjoni huwa illi:*

*a. L-intimat ikun qiegħed jagħmel xi ħaġa li tkun tista' tkun ta' ħsara jew molestja lir-rikorrenti.*

*b. Li jkun jidher prima facie li r-rikorrenti għandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat li jagħmel dak il-ħaġa li biha jista' jirrekalu ħsara jew molestja.*

c. *Il-mandat ikun neċessarju sabiex jiġi kkonservat dak id-dritt tar-rikorrenti.*

*Illi:*

***a. L-intimat ikun qiegħed jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew molestja lir- rikorrenti.***

*Illi għandu jingħad bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri li kif prova jagħmel fl-atti tas-subbasta ħafna drabi u jitfa' rikorsi vizzjati b'informazzjoni li qatt ma ġiet ikkonfermata b'ebda tip ta' prova, dawn il-proċeduri ta' mandat huma biss tattika sabiex il-proċeduri tas-subbasta in kwistjoni jipprolongaw ruħhom għaliex jidher biċ-ċar u dan anka fil-proċeduri tas-subbasta illi l-intimati m'humiex qegħdin jagħmlu ħsara lir-rikorrenti iżda qegħdin biss jeżerċitaw id-dritt tagħhom sabiex jirkupraw dik is-somma dovuta lilhom mis-sentenza Guido u Claudia miżżewġin Grima vs Pierre Buontempo, Ruben u Romina miżżewġin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd u se mai l-esponenti m'humiex il-leġittimi kontradittturi għat-talbiet li qiegħed jagħmel ir-rikorrenti kemm f'dawn il-proċeduri kif ukoll fil-proċeduri tas-subbasta 3/20 iżda huma Monica Grima, Olivia Anne Debattista, Nazzareno Seguna u Mary Grace Seguna u mhux l-esponenti.*

*Illi jekk ir-rikorrenti in bona fede iħoss li ġie ngannat bl-aġir ta' Monica Grima, Olivia Anne Debattista, Nazzareno Seguna u Mary Grace Seguna huwa għandu d-dritt t'azzjoni fil-konfront tal-istess iżda ċertament m'għandhomx jiġu ppreġudikati l-esponenti konjuġi Grima peress illi dan qiegħed jirriżulta biss f'abbuż serju tal-proċedura ġudizzjarja, li dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tissanzjona billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.*

***b. Li jkun prima facie li r-rikorrenti għandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat li jagħmel dak il-ħaġa li biha jista' jirrekalu ħsara jew molestja.***

*Illi r-rikorrenti issottometta diversi drabi, kemm f'dawn il-proċeduri u kif ukoll fl-atti tas-subbasta 3/20 illi tali proċeduri ta' subbasta jikkonsistu f'fatti estremament preokkupanti li rriżultaw mill-istess atti.*

*Illi bid-dovut rispett, is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti messhom ġew mqajmin diversi xhur ilu meta nbdew il-proċeduri tas-subbasta u mhux issa li waslu għat-tmiem tagħhom, bl-unika konklużjoni illi dan il-mandat intavolat minnu m'għandu l-ebda intenzjoni oħra ħlief li jitwalu dawn il-proċeduri b'mod inutili.*

*Illi jirriżulta illi r-rikorrenti mhux biss li m'għandux dritt prima facie skont il-liġi, iżda ma jistax jiżvija b'din l-Onorabbli Qorti u jqajjem argumenti illi m'għandhom x'jaqsmu assolutament xejn mal-atti tas-subbasta in kwistjoni, u dan għaliex u kif diġa' ingħad illi l-atti tas-subbasta tikkonċerna biss is-sentenza ta' nhar l-1 ta' Diċembru 2014 fl-ismijiet Guido u Claudia miżżewġin Grima vs Pierre Buontempo, Ruben u Romina miżżewġin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd fejn ir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri ġie kanonizzat debitur tal-esponenti, u li għalhekk l-esponenti għandu kull dritt*

*bil-liġi li jeżegwixxi għall-irkupru tal-ammont li għadu mis-sena 2014 sal-lum il-ġurnata dovut lilu mir-rikorrenti.*

*Illi prima facie lanqas jista' jingħad illi x'qegħdin jitolbu l-esponenti fil-proċeduri tas-subbasta m'għadux ċert, likwidu u dovut meta l-istess rikorrenti f'dawn il-proċeduri jaf bis-sew illi l-ammont dovut huwa kanonizzat kif ġia ntqal u jikkostitwixxi titolu ezekuttiv a bazi tas-sentenza Guido u Claudia miżżewġin Grima vs Pierre Buontempo, Ruben u Romina miżżewġin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd.*

*Illi wkoll u kif jidher mir-rikors promotur f'dawn il-proċeduri, lanqas ma jista' jingħad illi r-rikorrenti ressaq biżżejjed provi sal-grad li trid il-liġi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in sostenn tal-allegazzjonijiet magħmula minnu.*

***c. Il-mandat ikun neċessarju sabiex jiġi kkonservat dak id-dritt tar-rikorrenti.***

*Illi in vista tal-fuq espost huwa aktar milli ċar li l-ħruġ tal-mandat m'huwiex wieħed neċessarju sabiex jiġi kkonservat xi dritt tar-rikorrenti.*

*Illi ma jistax ikun li issa u dan wara kważi għoxrin sena u għaliex hemm għaddejjin il-proċeduri tas-subbasta kontra r-rikorrenti li qiegħed jallega li għandu jingħata xi flus mill-esponenti u r-rikorrenti qabel dan iż-żmien kollu kellu kull opportunita sabiex jintavola proċeduri odjerni dwar dak li qiegħed jallega.*

*Illi r-rikorrenti minn dan kollu m'għamel xejn u għalhekk issa m'huwiex il-każ li jipprova jintavola proċeduri mhux applikabbli bl-għan ewlieni li l-esponenti jitpoġġu f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kontra r-rikorrenti b'permezz ta' subbasta u dan jerġa' jingħad fejn għandha x'taqsam is-sentenza Guido u Claudia miżżewġin Grima vs Pierre Buontempo, Ruben u Romina miżżewġin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd li permezz tagħha jidher ċar u tond illi l-esponenti għandhom id-dritt eżekuttiv li jista' jiġi eżerċitat skont il-liġi bil-proċeduri tas-subbasta.*

*Illi għaldaqstant u in vista tal-fuq espost, l-esponenti bir-rispett jissottomettu illi t-talba kif dedotta mir-rikorrenti għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra Ruben Buontempo u b'riżerva għal kull proċeduri ulterjuri li jistgħu jieħdu l-esponenti sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom.*

5. Rat illi fis-17 ta' Marzu 2021, ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ppreżenta r-risposta tiegħu fejn oppona għat-talba rikjesta fejn qajjem is-segwenti argumentazzjoni:

    1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti in toto bl-ispejjeż u dan inter alia għas-segwenti raġunijiet:*

    ***Mhux il-Leġittimu kontradittur***

2. *Illi fl-ewwel lok bil-qima jingħad illi l-esponenti mhux il-leġittimu kontradittur għal-lanjanzi tar-rikorrenti stante li kif inhu risaput l-esponenti m'għandu ebda kontroll fuq l-operat tal-Qorti u l-Ordni tal-Qorti li bih ġew ordnati l-proċeduri tas-subbasta numru 3/2020 lamentati mir-rikorrenti, u huwa ma jweġibx għal istess anzi l-esponenti hu tenut jeżegwixxi l-ordnijiet tal-Qorti.*

***Ordni tal-Qorti ma tistax titwaqqaf b'Inibizzjoni***

3. *Illi huwa inawdit illi din l-Onorabbli Qorti tiġi mitluba tinibixxi ordni ta' Subbasta maħruġa, u allura awtorizzata u sanzjonata mill-Qorti stess. Din hija ereżija legali. Sitwazzjoni li tixbaħ waħda ipotetika, fejn per eżempju waqt kawża li tkun imħollija għas-sentenza, il-konvenut jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni u din tiġi miċħuda u mbagħad l-istess konvenut jipprova jottjeni l-ħruġ ta' mandat ta' Inibizzjoni kontra l-attur u r-Reġistratur tal-Qrati biex il-Qorti ma tipproċedix bil-prolazzjoni tas-sentenza!*

***Jekk hemm rimedju dan huwa fil-proċeduri tas-subbasta stess***

4. *Illi bil-qima jingħad illi jekk r-rikorrent għandu lanjanza relattiva għal tali subbasta dak irid jiġi indirizzat bil-proċedura kontemplata mill-Liġi u ċioe' tramite u fl-istess proċeduri ta' subbasta u mhux jittenta joħroġ mandat ta' Inibizzjoni biex jipprova jwaqqaf ordni tal-Qorti.*

5. *Illi għalhekk huwa ċar li l-mandat de quo huwa legalment insostenibbli u kif ukoll infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi respint.*

***Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax jinħareġ kontra r-Reġistratur tal-Qorti - Art 873(3) Kap 12***

6. *Illi huwa ċar illi mandat ta' inibizzjoni ma jistax jinħareġ kontra l-esponenti stante illi l-Artikolu 873(3) tal-Kap 12 jipprovdi hekk:*

> *(3) Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-Qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-Qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

***Punti legali***

7. *Illi di piu anke minn aspett purament legali dan il-mandat ma jissodisfax l-elementi li trid il-liġi għall-ħruġ tal-istess u kwindi għandu jiġi revokat:*

(i) *L-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:*

a. *L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xogħol ieħor ikun li jkun, inkella, milli tħott jew tagħmel tibdil f'bini jew f'xogħol ieħor, jew li jżomm persuna milli tidħol f'fond jew lok, jew li tagħmel xi ħaġa tkun li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat.*

b. *Il-qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

(ii) *Illi l-Liġi hija ċara u tirrikjedi inter alia li jiġi ppruvat li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti u li prima facie r-rikorrent għandu dawk il-jeddijiet. Bil-qima jingħad illi r-rikorrenti ma ssodisfat ebda wieħed miż-żewġ elementi rikjesti ad validitatem mill-Liġi biex jintlaqa' mandat bħal dan; dan stante l-fatt illi r-rikorrenti ma ġabet ebda prova tal-allegat preġudizzju tagħha. Dan apparti illi l-proprjeta' in kwistjoni m'hijiex aktar tal-esponenti u kwindi jonqos l-oġġett mertu tal-inibizzjoni.*

(iii) *Illi l-elementi sudetti ġew ampjament spjegati fil-ġurisprudenza tagħna hekk kif jidher hawn taħt. Il-Qrati tagħna minn dejjem ħassew ruħhom riluttanti li jilqgħu mandati ta' dan ix-xorta jekk ma jiġix ppruvat li min qed jitlob dan il-mandat ser isofri danni irreparabbli u irriversibbli.*

(iv) *Illi skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex tilqa' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta:*

i. *li dak il-mandat huwa meħtieġ;*
ii. *sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti; u*
iii. *li dak ir-rikorrenti prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet; u*
iv. *li jekk ma tintlaqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat, ir-rikorrent ser isofri preġudizzju rrimedjabbli.*

(v) *Illi kif intqal tajjeb mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet Connie Galea et vs Joseph Gauci deċiża fis-7/10/97: "Il-mandat ta' inibizzjoni huwa wieħed mill-atti intiżi biex jikkawtela d-dritt. Trid għalhekk tinżamm distinzjoni netta bejn l-att kawtelatorju u d-dritt kawtelat. L-Artikolu 873, speċifikament fuq il-mandat ta' inibizzjoni, jiddisponi li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu biex iżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa, tkun xi tkun, ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-*

*jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tal-mandat u li prima face jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

(vi) *Il-prinċipju enunċjat f'dan l-Artikolu ġie addottat ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet 'Salvino Testaferrata Moroni Viani vs Is-Soċjeta' Testaferrata Estates Limited u Peter Paul Testaferrata Moroni Viani et' deċiża per Onor. Albert J.Magri fit-3 ta' Novembru, 1971, f'liema kawża il-Qorti sostniet li: "L-Artikolu 873 tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-fakolta' lil din il-Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Iżda talba għal ħruġ ta' tali mandat m'għandhiex tigi akkolta jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ 'sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti' u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet".*

(vii) *Il-Qorti m'għandhiex diskrezzjoni in materia: jew ir-rikorrent jissodisfa l-vot tal-liġi jew il-Qorti trid bilfors tiċħad it-talba. F' "Grech pro et noe' vs Manfre" il-Qorti iddeċidiet li: "Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi kategorikament illi l-Qorti m'għandhiex toħroġ dan il-mandat jekk ...". ILLI inoltre fl-istess sentenza jingħad ukoll li: "It-tieni rekwiżit, u ċioe' 'li dan ir-rikorrenti prima facie jidher li għandu dawn il-jeddijiet' huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv u ma jiddipendix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant iżda jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat".*

(viii) *F'digriet mogħti f'"Borg Grech v. Gasan" et noe il-Qorti tal-Kummerċ, wara li sabet li d-dritt invokat ma kienx jirriżulta prima facie għaliex il-liġi stess kienet tagħti lill-lntimat d-dritt li jagħmlu dak in kwistjoni, qalet: "Inoltre, l-ħruġ tal-mandat mhux neċessarju biex id-dritt vantat mir-rikorrent jiġi konservat, billi f'każ ta' eżitu favorevoli fil-meritu, l-inkonvenjent 'de quo' jista' faċilment jiġi mneħħi u r-rikorrenti jiġi pjenament reintegrat fid-drittijiet minnu vantati.*

(ix) *Illi di piu il-ġurisprudenza nostrana f'din il-materja hija fis-sens li l-Mandati ta' Inibizzjoni huma odjużi u bħala tali għandhom mhux biss jingħataw interpretazzjoni restrittiva iżda għandhom jinħarġu biss meta huwa assolutament neċessarju li jinħarġu biex jitħarsu xi jeddijiet li r-rikorrent ikun ipprova li fil-fatt għandu.*

(x) *Illi għaldaqstant, mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. II-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan żgur li ma hux hekk fil-każ odjern.*

*Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet premessi l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

6. Rat illi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 199A tal-Kap 12, wara direzzjoni tal-Prim' Imħallef biex il-Qrati jillimitaw il-preżenza ta' nies fil-bini tal-Qorti biex nikkontjenu t-tixrid tal-Covid 19, il-Qorti ordnat illi l-partijiet w il-konsulenti legali tagħhom jattendu għas-seduta li saret fil-Qorti stess, b'mod virtwali.

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet, li saret fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2021, wara liema trattazzjoni ir-rikors ġie differit għal-deċiżjoni finali għallum.

## Konsiderazzjonijiet legali

8. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

9. Jirriżulta ukoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

10. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjest għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

*Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

*(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*

*(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*

*Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs.***

***Carmelo Barbara et*** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

*"Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

*"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

*"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* ***Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti****, Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

## Konsiderazzjonijiet fattwali

11. Jirriżulta illi l-intimati konjuġi Guido u Claudia Grima ottjenew sentenza kontra varji persuni, fosthom ir-rikorrent Reuben Buontempo, u dana fil-kawża '**Guido u Claudia miżżewġin Grima vs Pierre Buontempo, Reuben u Romina miżżewġin Buontempo u Centre Travel Co Ltd**.' Rikors Nru 1729/2000 deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru 2014.

12. Jirriżulta ukoll illi permezz ta' sentenza datata fl-ismijiet '**Joseph Grima et vs Pierre Buontempo, Reuben u Romina konjuġi Buontempo u Centre Travel Company Limited u b'digriet tad-19 ta' Mejju 2000 ġie kjamat in kawża Guido Grima'**, Rikors Nru 1843/1999 deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April 2013, ingħatat sentenza kontra l-partijiet kollha tal-proċeduri odjerni, fejn ġew ordnati jħallsu ammont ta' flus lil-Joseph Grima.

13. Jirriżulta illi, nelfrattemp, l-intimati konjuġi Guido u Claudine Grima ipproċedew sabiex jeżegwxxu s-sentenza 1729/2000 illi huma ottjenew kontra l-familja Buontempo billi bdew proċeduri ta' subbasta Nru 3/2020 fejn talbu l-bejgħ tal-propjeta' ta' Reuben Buontempo, ossija Rose House fi Triq il-Mimosa, Ħamrun flimkien ma' garages annessi, liema proċeduri inbdew fl-10 ta' Jannar 2020.

14. Jirriżulta illi permezz ta' rikors datat 22 ta' Mejju 2020, ir-rikorrent talab it-twaqqif tal-proċeduri ta' subbasta filwaqt illi għarrfu li l-propjeta' kienet erronjament indikata bħala ta' Reuben Buontempo meta attwalment kienet ta' Pierre Buontempo filwaqt illi indika illi l-intimati konjuġi Grima kienu debituri tiegħu stante illi huwa kien ħallas id-dejn riżultanti il-proċeduri li ġew deċiżi kontra tagħhom kollha fil-kawża 1843/1999 u għalhekk kellu jitnaqqas is-sehem tal-konjuġi Grima.

15. Jirriżulta illi permezz ta' digriet datat 13 ta' Awwissu 2020, il-Qorti laqgħet talba għall-korrezzjoni fil-propretarju tal-fond kif ukoll talba għal riduzzjoni magħmula mill-konjuġi Grima, u ordnat li ssir is-subbasta.

16. Jirriżulta illi, sussegwentement, fl-1 ta' Settembru 2020, ir-rikorrent ippreżenta rikors ieħor fejn talab lill-Qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha stante illi saħaq illi ma kienx sar tnaqqis suffiċjenti fl-ammont mitlub mill-konjuġi Grima.

17. Jirriżulta illi, nelfrattemp, ir-rikorrent għamel ċedola ta' depositu fl-Atti tas-Subbasta fejn iddeposita s-somma ta' tletin Elf euro (€30,000) għas-saldu ta' dak mitlub.

18. Jirriżulta illi fil-25 ta' Novembru 2020, il-Qorti ċaħdet it-talba kif magħmula mir-rikorrent u ordnat it-tkomplija tas-subbasta.

19. Jirriżulta illi fis-26 ta' Jannar 2021, ir-rikorrenti ppreżenta rikors bl-urġenza fejn talab lill-Qorti sabiex twaqqaf il-proċeduri tas-subbasta peress illi kien ġie a korrent li l-familja Grima li kienu rebħu titolu eżekuttiv permezz ta' sentenza 1843/1999 kienu attwalment tħallsu għal dak lilhom dovut darbtejn, u dana peress illi stqarr illi l-familja Grima tħallset kemm minnu kif ukoll mill-intimati Guido u Claudia Grima, liema fatt jrendi lill-familja ta' Joseph Grima kriminalment responsabbli.

20. Jirriżulta illi l-Qorti, permezz ta' digriet datat 18 ta' Frar 2021, ċaħdet it-talba tar-rikorrent u kellha dan xi tgħid:

> *Il-Qorti tqis li l-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti ma jsibux rimedji f'dawn l-atti iżda fi proċeduri appożitu għall-irkupru ta' flus imħallsa indebitament.*
>
> *It-talba għas-subbasta qed issir a bażi ta' sentenza tal-1 ta' Diċembru 2014 li sa llum ma hix mittiefesa u għalhekk hi tajba bħala bażi għall-eżekuzzjoni meritu ta' din is-subbasta.*

21. Jirriżulta illi sussegwentement, fil-5 ta' Marzu 2021, ir-rikorrenti nieda l-proċeduri odjerni sabiex iwaqqaf is-subbasta abbażi tal-fatt illi:

> *... għandu kull interess li, prevja kjarifika tal-fatti surreferiti, jitlob u jottjeni dikjarazzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti li huwa m'huwiex aktar debitur tal-intimati Grima fis-somma minnhom reklamata imma li, minn naħa l-oħra, huma l-istess intimati Grima flimkien mal-eredi ta' Joseph Grima ossija Monica Grima, Olivia Ann Debattista, Nazzareno Seguna u Mary Grace Seguna li huma kredituri tiegħu fis-somma imħallsa minnu indebitament u frott il-frodi u l-qerq perpetrat fil-konfront tiegħu mill-istess intimat Grima u/jew l-eredi ta' Joseph Grima kif hawn fuq imfisser.*

## Konsiderazzjonijiet Finali

22. Jirriżulta, mill-assjem tal-fatti u dokumentazzjoni, kif ukoll mill-atti tas-subbasta 3/2020 illi dina l-Qorti viżjonat, illi r-rikorrent qiegħed jikkontendi li, għalkemm l-intimati konjuġi Grima huma kredituri fil-konfront tiegħu a tenur tad-deċiżjoni 1729/2000 deċiża kontra tiegħu, l-ammont minnhom rikjest fis-subbasta ma hijiex korretta stante illi kellu jkun hemm tpaċija ta' somma mħallsa minnu a favur tal-familja ta' Joseph Grima abbażi ta' sentenza deċiża kontra l-partijiet kollha fil-proċeduri odjerni, ossija Rikors Nru 1843/1999.

23. Jirriżulta wkoll illi r-rikrorent jikkontendi li s-subbasta trid tiġi mwaqqfa peress illi jirrriżulta li l-familja ta' Joseph Grima, illi huma estranei għall-proċeduri odjerni, tħallsu għas-sentenza 1843/1999 indebitament peress illi jidher li tħallsu kemm minnu kif ukoll mill-intimati Grima, u għalhekk kienu kriminalment responsabbli.

24. Jirriżulta illi tali argumentazzjoni hija identika għal dik ippreżentata quddiem il-Qorti fil-proċeduri ta' subbasta fir-rikors tiegħu tas-26 ta' Jannar 2021 illi ġie miċħud mill-Qorti fit-18 ta' Frar 2021.

25. Jirriżulta ċar illi l-azzjoni odjerna hija intiża unikament sabiex tiġi mxejjna deċiżjoni tal-Qorti li titkompla l-eżekuzzjoni ta' dritt illi għandhom l-konjuġi Grima fil-konfront tar-rikorrenti permezz tas-subbasta 3/2020.

26. Jirriżulta illi kwalsiasi dritt illi jikkontendi li għandu r-rikorrenti fil-konfront tal-familja ta' Joseph Grima huwa totalment estraneu għall-proċeduri illi l-konjuġi Guido u Claudia Grima bdew fil-konfront tiegħu.

27. Jirriżulta illi kwalsiasi dritt ta' risarċiment illi r-rikorrent jista' jkollu mill-familja ta' Joseph Grima ma huma ser jiġu bl-ebda mod preġudikati bil-proċediment tas-Subbasta li l-intimati bdew fil-konfront tar-rikorrenti.

28. Jirriżulta wkoll illi l-proċeduri tas-Subbasta inħarġu abbażi tal-Artikolu 305 et seq tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili illi jipprovdi dwar 'Il-Mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeġ Immobbli' u, a tenur tal-Artikolu 276 tal-Kap 12

    *"Ħadd ma jista' jagħmel opposizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat, ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni."*

29. Jirriżulta ċar, mill-assjem tal-fatti kif esposti quddiem dina l-Qorti, illi ma jeżistux l-estremi tal-Liġi sabiex tali Mandat ta' Inibizzjoni jintlaqa', peress illi kwalsiasi dritt illi jikkontendi li għandu r-rikorrenti ma huwiex ser jiġi lilu preġudikat irremedjabbilment.

## Deċiżjoni finali

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal- partijiet;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fil-5 ta' Marzu 2021 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mill-Liġi għall-ħruġ tiegħu.

**Tħassar** *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-5 ta' Marzu 2021, fejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.

**Spejjeż kollha** jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**